A.L. 281 ta' l-2004

ATT TA' L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti tal-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni)

BIS-SAĦĦA mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att tal-2000 dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, il-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impiegi, f'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti:-

Titolu, skop u dħul fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa Regolamenti tal-2004 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u s-Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni).

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huma biex jiġu stabbiliti l-bżonnijiet minimi ta' saħħa u sigurtà għas-siti tax-xogħol ta' kostruzzjoni.

(3) Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għat-tħaffir u l-estrazzjoni fl-industrija ta' l-estrazzjoni inklużi l-attivitajiet ta' prospettar u estrazzjoni fis-sens strett tal-kelma kif ukoll tal-preparazzjoni ta' materjal estratt għall-bejgħ (ikkraxxajar, skrinjar, ħasil), imma jkunu japplikaw għall-ipproċessar ta' dak il materjal estratt.

A.L. 36 ta' l-2003.

(4) Id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar Dispożizzjonijiet Ġenerali għar-Regolamenti dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Postijiet tax-Xogħol (ir-Regolamenti ta' l-2003) huma kollha kemm huma applikabbli għall-iskop sħiħ imsemmi fis-sub regolament 2 ta' dan ir-regolament, minghajr pregudizzju għad disposizzjonijiet iktar strinġenti u, jew speċifiċi li hemm fir-Regolamenti ta' l-2003.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba l-kuntest ma jitlobx mod ieħor:

Kap. 424.

(a) l-"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol;

(b) "Awtorità"tfisser l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol mwaqqfa bl-artikolu 8 ta' l-Att ;

(ċ) "Klijent" tfisser il-persuna naturali jew legali għal min jitwettaq proġett;

(d) "kuntrattur tfisser kuntrattur jew persuna li thaddem li l-ħaddiema tagħha jaċċettaw, iwettqu jew jimmaniggjaw xogħol ta' kustruzzjoni, u li jfornu materjal u jew xogħol biex ikun jista' jsir dak ix-xogħol.

(e) "persuna mpjegata għal rasha" tfisser kull persuna, għajr persuna fl-impjieg, taħrig jew apprendistat ta' kuntrattur, li l-attivita' professjonali tagħha tikkontribwixxi għat-twettiq ta' progett;

(f) "proġgett""tfisser kull zvilupp li jinkludi jew li hu intenzjonat li jinkludi xogħold ta' kostruzzjoni;

(ġ) "sit ta' kostruzzjoni" tfisser kull sit ta' kostruzzjoni fejn jitwettqu xogħolijiet ta' bini jew ta' inginerija ċivili, li lista mhux ezawrejenti tagħhom qed tingħata fl-Skeda I ;

(ħ) "supervisor tal-progett" tfisser kull persuna naturali jew legali responsabbli għad-disinn u, jew imqabbad minn klijent.

Ħatra ta' *supervisors* fuq-proġett.

3. (1) Klijent huwa fid-dmir li jaħtar, għal kull proġett, supervisor tal-proġett għall-istadju tad-disinn u supervisor tal-proġett għall-istadju tal-kostruzzjoni, u kull ħatra bħal dik għandha tiġi mitmuma, mibdula jew imġedda kif ikun meħtieġ:

Iżda xejn f'dan ir-regolament ma jżomm lill-klijent milli jaġixxi bħala supervisor tal-proġett għal kull stadju minnhom jekk huwa nifsu jkun kompetenti biex jidħol għad-dmirijiet involuti:

Iżda wkoll xejn f'dan ir-regolament ma jżomm lill-klijent milli jqabbad persuna waħda biex taġixxi bħala supervisor tal-proġett kemm għall-istadju tad-disinn kif ukoll għall-istadju tal-kostruzzjoni jekk dik il-persuna tkun kompetenti li tidħol għad-dmirijiet involuti.

(2) Klijent huwa fid-dmir li jżomm files dwar saħħa u sigurtà mhejjija skond ir-regolament 4 u kull informazzjoni ohra rilevanti dwar is-saħħa u s-sigurtà, u jqiegħdhom għad-disposizzjoni ta' kull min ikun irrid jispezzjonhom u li jkun jinħtieġ informazzjoni mill-file biex iħares kull obligazzjoni li toħroġ mil-ligi.

(3) Meta klijent jiddisponi mill-interessi tiegħu jew tagħha fil-proġett, il-klijent għandu jgħaddi l-file dwar is-saħħa u s-sigurtà li jkollu x'jaqsam mal-proġett lil dik il-persuna li tassumi dak l-interess fil-proġett, u kull obligazzjoni li toħroġ minn dawn ir-regolamenti li jibqgħu fis-seħħ għal kemm idum il-proġett, għandhom jigu assunti minn din il-persuna.

Avviż bil-quddiem.

4. (1) Fil każ ta' siti ta' kostruzzjoni li fuqhom ix-xogħol ikun skedat li jdum aktar minn 30 jum tax-xogħol u li fuqhom ikun hemm jaħdmu aktar minn 20 ħaddiem fl-istess ħin, jew li fuqhom il-volum tax-xogħol huwa skedat li jeċċedi l-500 gurnata xogħol ta'persuna, is-supervisor tal-proġett għandu jikkomunika avviż bil-quddiem miktub skond l-Iskeda III lill-Awtorità ta' l-anqas erba' ġimgħat kalendarji qabel ma jibda x-xogħol. Ġaladarba tibda xi attività ta' xogħol fuq il-proġett, kopja ta' l-avviż bil-quddiem għandha tkun esposta b'mod ċar fuq is-sit tal-kostruzzjoni u, jekk ikun hemm bżonn din għandha tkun aġġornata perjodikament.

(2) Is-supervisor tal-proġett għall-istadju tad-disinn, għandu jikkoordina l-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet ta' dan ir-regolament, u għandu jizgura li qabel ma jibda x-xogħol fuq sit ta' kostruzzjoni, isir pjan ta' saħħa u sigurtà skond ir-regolament 5.

L-istadju tal-preparazzjoni tal-proġett: prinċipji ġenerali.

(3) Is-supervisor tal-proġett għall-istadju tad-disinn, għandu jqis il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li jirrigwardjaw is-saħħa u s-sigurtà msemmija fl-Att u fir-regolamenti sussidjarji skond il-kaz, matul l-istadji diversi ta' l-iddisinjar u l-preparazzjoni tal-proġett, partikolarment:

(a) meta jkunu qegħdin jittieħdu deċiżjonijiet dwar aspetti arkitettoniċi, tekniċi u, jew organizzattivi, sabiex ikunu ppjanati d-diversi oġġetti u stadji tax-xogħol li jkollhom isiru fl-istess ħin jew inkella wara xulxin.

(b) meta jigi kkalkulat iż-żmien meħtieġ għat-twettiq ta' dak ix-xogħol jew stadji tax-xogħol.

Għandhom jitqiesu wkoll, kull darba li dan jidher meħtieġ, il-pjanijiet kollha dwar saħħa u sigurtà u ta' files magħmulin skond ir-regolament 5 jew irranġati skond ir-regolament 6.

(4) Il-pjan ta' saħħa u sigurtà għandu jistabbilixxi r-regoli applikabbli għas-sit ta' kostruzzjoni involut, fil-waqt li jitqiesu, meta dan jkun meħtieġ, l-attivitajiet industrijali li jkunu qegħdin isiru fuq is-sit; dan il-pjan għandu wkoll jinkludi miżuri speċifiċi li jirrigwardaw xogħol li jaqa' taħt xi waħda jew aktar mill-kategoriji ta' Skeda II.

L-istadju ta' eżekuzzjoni tal-proġett: dmirijiet tas-supervisor tal-proġett.

5. Is-supervisor tal-proġett għall-istadju ta' l-eżekuzzjoni għandu:

(a) jikkoordina l-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni u sigurtà:

(i) meta aspetti tekniċi u, jew organiżzattivi jkunu qed jiġu deċiżi, sabiex ikunu ppjanati d-diversi biċċiet jew stadji tax-xogħol li għandhom isiru fl-istess ħin jew wara xulxin,

(ii) meta jkun qed jigi kkalkulat il-perijodu meħtieġ għat-twettiq ta' dak ix-xogħol jew ta' stadji tax-xogħol;

(b) jikkoordina l-implimentazzjoni tad-disposżizzjonijiet rilevanti sabiex jigi zgurat li l-kuntratturi, u jekk ikun meħtieġ għall-protezzjoni tal-ħaddiema, persuni mpjegati għal rashom:

(i) japplikaw il-prinċipji msemmija fir-regolament 8 b'mod konsistenti,

(ii) meta jkun hemm bżonn, isegwu l-pjan ta' saħħa u sigurtà msemmija fir-regolament 4;

(ċ) jagħmel jew igiegħel li jsir, kull aġġustament meħtieġ għall-pjan tas-saħħa u s-sigurtà u fil-file imsemmi fir-regolament 4 biex jitqies il-progress tax-xogħol u kull bidla li tkunu seħħet;

(d) jorganizza koperazzjoni bejn il-kuntratturi, inklużi l-kuntratturi suċċessivi fuq l-istess sit, koordinazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom bl-iskop li jigu protetti l-ħaddiema u li jigu evitati inċidenti u periku li għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol u nformazzjoni reċiproka skond ma hemm provdut fir-regolament 7 tar-Regolamenti ta' l-2003, hekk li jigi zgurat li persuni li jaħdmu għal rashom jiddaħħlu f'dan il-proċess meta jkun hemm bżonn;

(e) jikkoordina arranġamenti sabiex jiverifika li l-proċeduri tax-xogħol ikunu qegħdin jiġu implimentati b'mod korrett;

(f) jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li persuni awtorizzati biss jitħallew jersqu fuq is-sit tal-kostruzzjoni.

Responsabbiltajiet tal-klijenti, *supervisors* tal-proġett u kuntratturi.

6. (1) Meta klijent ikun ħatar xi supervisor tal-proġett biex iwettaq id-dmirijiet imsemmija fir-regolament 5 u 6, dan ma jeħlisx lill-klijent mir-responsabbiltajiet li jkollu f'dak ir-rigward.

(2) L-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti ma għandhiex tolqot il-prinċipju tar-responsabbiltà li għandu min iħaddem skond ma hemm provdut fl-Att jew f'xi leġiżlazzjoni sussidjarja.

Implimentazzjoni tar-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti ta' l-2003.

7. Meta jkun qed jitwettaq ix-xogħol, il-prinċipji stabbiliti fir-regolamenti 4 sa 8 tar-Regolamenti ta' l-2003 għandhom ikunu applikati, partikularment fejn jirrigwarda:

(a) li s-sit tal-kostruzzjoni jinżamm tajjeb u fi stat ta' indafa sodisfaċenti;

(b) l-għażla tal-post fejn tkun hemm l-istazzjonijiet tax-xogħol, b'mod partikolari kif dawn il-postijiet tax-xogħol jistgħu jintlaħqu, u li jigu stabbiliti rotot jew l-inħawi għal passaġġ bla periklu u ċ-ċaqlieq ta' l-apparat.

(ċ) il-kondizzjonijiet li taħthom jintuża il-materjal divers li jkun;

(d) Il-manutenzjoni teknika, iċċekkjar qabel ma jibda x-xogħol u ċċekkjar regolari fuq stallazzjonijiet u apparat bil-ħsieb li ikun imsewwija kull ħsara li tista' tolqot is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema;

(e) id-demarkazzjoni u l-istabbilizzar ta' nħawi għall-ħażna ta' materjal divers, partikolarment fejn jidhol materjal u sustanzi perikoluż;

(f) il-kundizzjonijiet li taħthom jitneħħa l-materjal perikoluż u użat;

(ġ) il-ħażna u t-tnehhija jew twarrib ta' skart u radam;

(ħ) l-adattament, ibbażat fuq il-progress magħmul fuq is-sit, tal-perjodu attwali li għandu jigi allokat għad-diversi tipi ta'xogħol jew stadji ta'xogħol;

(i) il-koperazzjoni bejn kuntratturi u persuni mpjegati għal rashom;

(j) interazzjoni ma' attivitajiet industrijali fil-post fejn jew li fil-viċinanza tiegħu jkun jinsab is-sit tal-kostruzzjoni.

Obbligazzjonijiet tal-kuntratturi.

8. Sabiex ikunu ppreservati s-saħħa u s- sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6, il-kuntratturi għandhom:

(a) partikolarment fl-implimentazzjoni tar-regolament 7, jieħdu miżuri li jkunu jaqblu mal-bżonnijiet minimi stabbiliti fis-Skeda IV;

(b) jieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet mis-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u sigurtà.

Obbligazzjonijiet ta' gruppi ohra ta' persuni.

9. (1) Sabiex tkun ippriservata s-saħħa u s-sigurtà fuq is-sit tal-kostruzzjoni, persuni li jaħdmu għal rashom għandhom:

(a) partikolarment iħarsu dan li ġej, *mutatis mutandis*:

(i) ir-rekwiżiti tar-regolamenti 7 u 15(2) tar-Regolamenti ta' l-2003 u r-regolament 8 u l-Iskeda IV ta' dawn ir-regolamenti;

(ii) l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/655/EEC u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Anness relattiv, kif traspost fil-leġiżlazzjoni ta' Malta;

(iii) ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol;

(b) jieħdu in konsiderazzjoni d-direzzjonijiet minn supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas sahha u sigurtà.

(2) Sabiex ikunu ppriservati s-saħħa u s- sigurtà fuq is-sit, meta jkunu ingaġġati kuntratturi f'attività tax-xogħol fuq is-sit tal-kostruzzjoni, dawn għandhom:

(a) josservaw partikolarment dan li ġej, *mutatis mutandis*:

(i) ir-regolament 15(2) tar-Regolamenti ta' l-2003;

(ii) l-Artikolu 4 tad-Direttiva 89/655/EEC u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Annes relattiv kif trasspost fil-leġislazzjoni ta' Malta;

(iii) ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar Rekwiżiti Minimi għall-Użu ta' Tagħmir Protettiv Personali fuq ix-Xogħol; A.L. 121 ta' l-2003.

(b) jieħdu in konsiderazzjoni l-kummenti tas-supervisor tal-proġett dwar dak li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà.

10. (1) Mingħajr pregudizzju għar- regolament 12 tar-Regolamenti ta' l-2003, il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu informati bil-miżuri kollha li għandhom jittieħdu rigward is-saħħa u s- sigurtà tagħhom fuq is-sit tal-kostruzzjoni. Informazzjoni lill-ħaddiema.

(2) Dik l-informazzjoni għandha tkun tiftiehem mill-ħaddiema interessati.

11. Il-konsultazzjoni ma' u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom għandha ssir skond ir-regolament 13 tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar affarijiet li jaqgħu taħt ir-regolamenti 6, 8 u 9 ta' dawn ir-regolamenti, billi jizguraw kull meta jkun meħtieġ koordinazzjoni kif imiss bejn il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom f'impriżi li jkunu qed iwettqu l-attivitajiet tagħhom fil-post tax-xogħol, billi jqisu l-grad tar-riskju u d-daqs tas-sit tax-xogħol. Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

12. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi haga sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill l-akkużat jġib prova, skond il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit. Fuq min taqa' l-prova.

13. Kull persuna li xjentement jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li tipprovdi post tax-xogħol sigur u san, ikun ħati ta' reat. Reati.

SKEDA I

LISTA MHIX EŻAWRJENTI TA' XOGĦLIJIET TA' BINI U INĠINERIJA ĊIVILI

1. Tħaffir
2. Xogħlijiet l-art
3. Bini
4. Armar u ħatt ta' elementi prefabrikati
5. Konverżjoni jew iffittjar
6. Alterazzjonijiet
7. Rinnovament jew restawr
8. Tiswijiet
9. Ħatt
10. Twaqqiegħ
11. Manutenzjoni fi stat tajjeb
12. Manutenzjoni - żebgħa u tindif
13. Drenaġġ

SKEDA II

LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' XOGĦOL LI JINVOLVI RISKJI PARTIKOLARI GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ TAL-ĦADDIEMA

1. Xogħol li jpoġġi lill-ħaddiema f'periklu li jintradmu taħt tiġrif, li jinbelgħu f'art mistagħdra jew li jaqgħu mill-għoli fejn ir-riskju jkun partikolarment aggravat min-natura tax-xogħol jew mill-proċessi wżati jew mill-ambjent fuq il-post jew sit tax-xogħol.

2. Xogħol li jqiegħed lill-ħaddiema f'periklu minn sustanzi kimiċi u bijoloġiċi li jikkostitwixxu perikolu partikulari għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema jew li jinvolvi rekwiżit legali għall-immonitjar tas-saħħa.

3. Xogħol b'radjazzjoni jonizzanti li tinħtieġ li jkun hemm indikat nħawi li jkunu taħt kontroll u superviżjoni.

(a) Area kkontrollata tfisser area soġġetta għal regoli speċjali għall-iskop ta' protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzata u li d-dħul għaliha ikun ikkontrollat.

(b) Area taħt superviżjoni tfisser area soġġetta għal superviżjoni kif imiss bl-iskop li jkun hemm protezzjoni kontra r-radjazzjoni jonizzassti.

4. Xogħol ħdejn linji ta' l-enerġija b'voltaġġ għoli.

5. Xogħol li jesponi lill-ħaddiema għar-riskji li jegħrqu.

6. Xogħol li jsir fuq bjar, taħt l-art u f'mini.

7. Xogħol li jsir minn sewwieqa li jkollhom sistema ta' forniment ta' l-arja.

8. Xogħol li jsir minn ħaddiema f'kaxxi taħt l-ilma b'atmosfera ta'arja kompressata.

9. Xogħol li jinvolvi l-użu ta' splussivi.

10. Xogħol li jinvolvi l-armar jew, il-ħatt ta' komponenti prefabbrikati tqal.

SKEDA III

KONTENUT TA' L-AVVIŻ BIL-QUDDIEM IMSEMMI

FIR-REGOLAMENT 4(1)

1. Data tal-kommunikazzjoni

2. Indirizz eżatt tas-sit tal-kostruzzjoni

3. Isem/ismijiet tal-klijent/i u indirizz/i

4. Tip ta' proġett

5. Isem/ismijiet u indirizz/i tas-supervisor/s tal-proġett

6. Isem/ismijiet u indirizz/i tas-supervisor/s tal-proġett fl-istadju ta' preparazzjoni tal-progett

7. Isem/ismijiet u indirizz/i tas-supervisor/s tal-proġett għall dak li għandu x'jaqsam ma' saħħa u sigurtà matul l-istadju ta' l-esekuzzjoni tal-proġett

8. Id-data ppjanata għall-bidu tax-xogħol fuq is-sit tal-kostruzzjoni

9. Żmien ippjanat tax-xogħol fuq is-sit tal-kostruzzjoni

10. L-akbar numru ta' ħaddiema kalkulat fuq is-sit tal-kostruzzjoni

11. Numru ta' kuntratturi u ħaddiema jaħdmu għal rashom ippjanat fuq is-sit tal-kostruzzjoni

12. Dettalji tal-kuntratturi diġà magħżulin

SKEDA IV

BŻONNIJIET MINIMI TA' SAĦĦA U SIGURTÀ

GĦAL-SITI TA' KOSTRUZZJONI

Rimarki Preliminari

L-obbligi stipulati f'din l-Iskeda japplikaw kulfejn meħtieġ skond il-karatteristiċi tas-sit tal-kostruzzjoni, l-attività, iċ-ċirkostanzi jew xi periklu. Għall-finijiet ta' din l-Iskeda, 'kmamar' tkopri, fost l-oħrajn, akkomodazzjoni li tkun f'barrakki.

PARTI A: BŻONNIJIET MINIMI ĠENERALI GĦAL POSTIJIET TAX-XOGĦOL FUQ IS-SIT

1. Stabbilità u soliditä

1.1. Materjal, apparat u, b'mod iktar ġenerali, kull komponent li, meta jiċċaqlaq f'kull direzzjoni, jista' jolqot s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandu jkun stabbilizzat b'mod kif imiss u sigur.

1.2. Aċċess għal kull wiċċ li jkollu materjal mhux reżistenti b'mod suffiċjenti ma humiex awtorizzat kemm il darba ma jkunx provdut tagħlim jew mezzi xierqa biex ix-xogħol ikun ista' jsir mingħajr ebda periklu.

2. Istallazzjonijiet għad-distribuzzjoni ta' l-enerġija

2.1. L-istallazzjonijiet għandhom ikunu ddisinjati, mibnija u wżati b'tali mod li ma jippreżentaw ebda perikolu ta' nar jew splużjoni; il-persuni għandhom ikunu protetti adegwatament kontra r-riskju ta' xokkijiet kkawżati minn kuntatt dirett jew indirett.

2.2. L-iddisinjar, il-kostruzzjoni u l-għażla ta' l-apparat u ta' l-istrumenti tal-protezzjoni għandhom iqisu t-tip u l-qawwa ta' l-enerġija distribwita, il-kondizzjonijiet esterni u l-kompetenza ta'persuni li jkollhom aċċess għall-partijiet ta' l-istallazzjoni.

3. Rotot u Ħruġ ta' Emerġenza

3.1. Ir-rotot u kull ħruġ ta' emerġenza għandhom dejjem ikunu liberi u jwasslu b'mod kemm jista' jkun dirett għal inħawi siguri.

3.2. F'każ ta' xi periklu, għandu jkun possibbli għall-ħaddiema li jevakwaw l-istazzjonijiet tax-xogħol kollha malajr u b'mod kemm jista' jkun possibbli sigur.

3.3. In-numru, id-distribuzzjoni u d-dimensjonijiet tar-rotot u l-ħruġ ta' l-emerġenza jiddependu fuq l-użu, l-apparat u d-dimensjonijiet tas-sit u tal-kmamar u ta' l-akbar ta' persuni li jistgħu jkunu preżenti.

3.4. Rotot u ħruġ ta' emerġenza speċifiċi għandhom jigu indikati minn sinjali skond ir-regolamenti li hemm fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it -Twahhil ta' Sinjali tas-Sahha u, jew tas-Sigurta fuq il-post tax-xogħol. (A.L. 45 ta' l-2002)

Dawk is-sinjali għandhom ikunu reżistenti biżżejjed u jkunu esposti fil-postijiet adatti.

3.5. Ir-rotot u kull ħruġ ta' emerġenza, u r-rotot tat-traffiku u l-bibien li jagħtu aċċess għalihom għandhom ikunu ħielsa minn kull tfixkil sabiex ikunu jistgħu jintużaw f' kull ħin mingħajr xkiel.

3.6. Rotot u ħruġ ta' emerġenza li jkunu jinħtieġu t-tidwil għandhom ikunu pprovduti bi dwal ta' emerġenza ta' intensita' bizzejjed fil-każ li jinqata' d-dawl.

4. Skoperta tan-nar u tifi tan-nar

4.1. Għandhom jkun provdut għadd bizzejjed ta' apparat kif imiss għat-tifi tan-nar, meta jkun mehtieg, apparat għall-iskoperta tan-nar u sistemi ta' allarm skond ma jkun jiddependi mill-karatteristiċi tas-sit, id-daqs u l-użu li jsir mill-kmamar, it-tagħmir fuq is-sit, propretajiet kimiċi u fiżiċi tas-sustanzi preżenti u l-akbar għadd ta' nies li jistgħu jkunu preżenti.

4.2. Kull apparat għat-tifi tan-nar bhal dak, strumenti ta' skoperta u s-sistemi ta' l-allarm għandhom jiġu ċċekkjati u ssirilhom manutenzjoni regolarment.

It-testijiet u t-taħriġ dovut għandhom isiru f'intervalli regolari.

4.3. Apparat għat-tifi tan-nar mhux awtomatiku għandu jkun faċilment aċċessibbli u sempliċi biex tużah. L-apparat għandu jkun indikat b'sinjali skond ir-Regolamenti li hemm fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it -Twahhil ta' Sinjali tas-Sahha u, jew tas-Sigurta fuq il-post tax-xogħol. (A.L. 45 ta' l-2002)

Dawk is-sinjali għandhom ikunu reżistenti biżżejjed u mqegħdin f'postijiet partikolari kif imiss.

5. Ventilazzjoni

5.1. Għandhom jittieħdu passi biex jigi zgurat li jkun hemm provvista ta' arja pura suffiċjenti, billi jitqiesu l-metodi tax-xogħol użati u l-bżonnijiet fiżiċi imposti fuq il-ħaddiema.

5.2. Kemm-il darba tkun qed tintuża sistema ta' ventilazzjoni forzata, din għandha tinżamm taħdem kif imiss u ma għandhiex tesponi lill-ħaddiema għal kurrenti li jkunu ta' ħsara għal saħħithom.

5.3. Kull ħsara għandha tkun indikata minn sistema ta' kontroll meta dan ikun meħtieġ għas-saħħa tal-ħaddiema.

6. Espożizzjoni għal riskji partikolari

6.1. Il-ħaddiema ma għadhomx ikunu esposti għal livelli ta' ħoss li jagħmlu ħsara jew għal influwenzi esterni li jagħmlu ħsara (eż. gassijiet, fwar, trab).

6.2. Jekk il-ħaddiema jkollhom għan li jidħlu f'inħawi fejn l-atmosfera jista' jkun fiha sustanzi tossiċi jew li jagħmlu ħsara jew li jkollhom livell t'ossiġenu insuffiċjenti jew li jkunu jaqbdu n-nar faċilment, l-atmosfera konfinata għandha tkun sorveljata u għandhom jittieħdu passi xierqa biex ikun evitat kull periklu.

6.3. Ħaddiem ma għandu f'ebda ċirkustanza ikun espost għal atmosfera konfinata b'riskju għoli. Huwa għandu għallinqas ikun mgħasses il-ħin kollu minn barra u għandhom jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha adaddi biex jigi zgurat li jkun jista' jigi assistit effettivament u minnufih.

7. Temperatura

Matul is-sigħat tax-xogħol, it-temperatura għandha tkun adatta għal bniedem skond, il-metodi tax-xogħol użati u bżonnijiet fiżiċi mehtiega mill-ħaddiema.

8. Tidwil naturali u artifiċjali ta' postijiet tax-xogħol, tal-kmamar u tar-rotot tat-traffiku fuq is-sit

8.1. Postijiet tax-xogħol, kmamar u rotot tat-traffiku għandu jkollhom dawl naturali suffiċjenti sa fejn ikun possibbli u jkunu pprovduti b'dawl artifiċjali adatt u suffiċjenti bil-lejl u meta d-dawl ta' binhar ma jkunx adegwat; meta jkun hemm bżonn, ħandhom jintużaw sorsi ta' dawl li jingarru u li jkunu protetti kontra l-impatt.

Il-kulur tad-dawl artifiċjali użat ma għandux jibdel jew jolqot l-perċezzjoni tas-sinjali jew ta' l-arbli li jgorru dawk is-sinjali.

8.2. L-istallazzjonijiet tad-dawl il-kmamar, stazzjonijiet tax-xogħol u rotot tat-traffiku għandhom ikunu mqiegħda b'tali mod li ma jkun hemm ebda riskju ta' xi inċident għall-ħaddiema bħala riżultat tat-tip ta' dawl stallat.

8.3. Kmamar, stazzjonijiet tax-xogħol u rotot tat-traffiku fejn il-ħaddiema jkunu b'mod speċjali esposti għal riskji fil-każ ta' dawl artifiċjali, għandhom ikunu pprovduti b'dawl artifiċjali ta' intensità adegwata.

9. Bibien u gradi

9.1. Sliding doors għandhom ikunu armati b'apparat tas-sigurtà biex ikun evitat li jistgħu joħorġu mil-linji tagħhom u jinqalbu.

9.2. Bibien u gradi li jinfetħu 'l fuq għandhom ikunu armati b'mekkaniżmu li jizgura milli dawn jaqgħu lura.

9.3. Bibien u gradi matul ir-rotot mnejn joħorġu n-nies f'emerġenza għandhom ikunu mmarkati kif imiss.

9.4. Fil-viċinanza immedjata ta' gradi primarjament ntenzjonati għat-traffiku tal-vetturi, għandu jkun hemm bibien għal min ikun irid joħodha bil-mixi sakemm wieħed ma jkunx jista' jaqsam bil-mixi bla periklu; dawk il-bibien għandhom ikunu mmarkati b'mod ċar u miżmuma bla ebda xkiel il-ħin kollu.

9.5. Bibien u gradi mekkaniċi għandhom joperaw bla ebda riskju ta' xi inċident għall-ħaddiema. Għandhom ikunu armati bi strumenti ta' waqfien ta'emerġenza li jkun u faċilment identifikabbli u aċċessibbli u, sakemm dawn ma jinfetħux awtomatikament fil-każ ta' qtugħ tad-dawl, għandu jkun possibbli li jkunu miftuħa bl-idejn.

10. Rotot tat-Traffiku – inħawi ta' perikolu

10.1. Rotot tat-traffiku, inklużi turġien, slielem fissi u daħliet u rampi tat-tagħbija, għandhom ikunu lokati, in-numru tagħhom kalkolat impoġġija u magħmulin, hekk li wieħed jista' jgħaddi minnhom bla diffikultà biex jizguraw aċċess faċli, bla periklu u xieraq b'tali mod li ma jkunux jipperikolaw lill-ħaddiema impjegati fil-viċinanza ta' dawn ir-rotot tat-traffiku.

10.2. Rotot użati għat-traffiku bil-mixi u, jew traffiku ta' l-affarijiet inklużi dawk użati għat-tagħbija u għall-ħatt għandu jkollhom daqs skond in-numru ta' nies potenzjali li juzawhom u t-tip ta' attività konċernata.

Jekk jintużaw mezzi tat-trasport fuq rotot tat-traffiku, għandhom ikunu pprovduti għal utenti oħra tas-sit spazju liberu ta' sigurtà suffiċjenti jew apparat protettiv adegwat.

Ir-rotot għandhom ikunu indikati b'mod ċar, iċċekkjati regolarment u ssirlhom manutenzzjoni kif imiss.

10.3. Wisa' suffiċjenti għandha titħalla bejn ir-rotot tat-traffiku tal-vetturi u l-bibien, il-gradi u l-passaġġi għan-nies bil-mixi, il-kurriduri u t-turġien.

10.4. Jekk is-sit ikun jinkludi zoni t'aċċess limitat, dawn għandhom ikunu armati b'apparati ħalli jkun evitat li jidħlu ħaddiema mhux awtorizzati.

Għandhom jittieħdu miżuri xierqa biex jipproteġu lill-ħaddiema li jkunu awtorizzati li jidħlu fiz-zoni perikoluża.

Iż-żoni perikoluża għandhom ikunu mmarkati sewwa.

11. Daħliet u rampi tat-tagħbija

11.1. Daħliet u rampi tat-tagħbija għandhom ikunu adattati skond id-daqs tat-tagħbijiet li jkunu se jinġarru.

11.2. Daħliet tat-tagħbija għandhom ta' l-inqas ikollhom punt ta' ħruġ wieħed.

11.3. Rampi tat-tagħbija għandhom ikunu bla periklu tali li jkun evitat li l-ħaddiema jistgħu jaqgħu.

12. Libertà ta' moviment fl-istazzjonijiet tax-xogħol

L-ispazju fl-istazzjon tax-xogħol għandu jkun hekk li jippermetti lill-ħaddiema libertà ta' movement suffiċjenti biex iwettqu xogħolhom, waqt li jitqies kull apparat meħtieġ u għodod preżenti.

13. L-Ewwel Għajnuna

13.1. Il-kuntrattur għandu jizġura li tkun tista' tingħata l-ewwel għajnuna, u li l-personnel imħarreġ biex jipprovdiha jkun jista' jissejjaħ il-ħin kollu.

Għandhom jittieħdu miżuri li jizguraw li ħaddiema li jkunu ġarrbu xi inċident jew li jħosshom ħażin f'daqqa jkunu jistgħu jitneħħew mill-post biex jingħataw kura medika.

13.2. Għandha tkun provduta kamra waħda jew iktar ta' l-ewwel għajnuna meta l-iskala tax-xogħolijiet jew it-tipi ta' attività li tkun għaddejja jkunnu hekk jitolbu.

13.3. Kmamar ta' l-ewwel għajnuna għandhom ikunu armati bi stallazzjonijiet u apparat essenzjali ta' l-ewwel għajnuna u jkunu aċċessibbli għal stretchers.

Dawn għandhom ikunu mmarkati skond ir-regolamenti li hemm fir-Regolamenti ta' l-2002 dwar it -Twahhil ta' Sinjali tas-Sahha u, jew tas-Sigurta fuq il-post tax-xogħol. (A.L. 45ta' l-2002)

13.4. Barra dan, apparat ta' l-ewwel għajnuna għandu jkun disponibbli fil-postijiet kollha fejn il-kondizzjonijiet tax-xogħol hekk jitolbu.

Dan l-apparat għandu jkun immarkat kif imiss u jkun faċilment aċċessibbli.

L-indirizz u n-numru tat-telefon tas-servizz lokali ta'emerġenza għandu jkun espost kif imiss.

14. Apparat sanitarju

14.1. Kmamar tat-tibdil u lockers

14.1.1. Kmamar tat-tibdil xierqa għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema kemm-il darba jkollhom jilbsu ħwejjeġ tax-xogħol speċjali u kemm-il darba, għal raġunijiet ta' saħħa jew għax hekk ikun jixraq, ma jkunux mistennija li jbiddlu f'postijiet oħra.

Kmamar tat-tibdil għandhom ikunu faċilment aċċessibbli, jkunu ta' wisa' bizzejjed u jkollhom fejn wieħed ikun jista' joqgħod bil-qiegħda.

14.1.2. Il-kmamar tat-tibdil għandhom ikunu kbar biżżejjed u jkollhom faċilitajiet li jippermettu lil kull ħaddiem, fejn ikun hemm bżonn, li jnixxef il-ħwejjeġ tax-xogħol kif ukoll ħwejġu u l-effetti personali u wkoll li jaqfilhom.

Jekk iċ-ċirkustanzi hekk jitolbu (eż. sustanzi perikoluż, umdità), għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet li jippermettu li l-ħwejjeġ tax-xogħol jinżammu f'post separat mill-ħwejjeġ personal tal-ħaddiema u mill-effetti personali.

14.1.3. Għandhom ikunu pprovduti kmamar tat-tibdil separati, jew il-possibbiltà ta' użu separat tal-kmamar tat-tibdil għall-irġiel u għan-nisa.

14.1.4. Jekk ma jkunx hemm bżonn ta' kmamar tat-tibdil kif indikat fil-punt 14.1.1, l-ewwel paragrafu, kull ħaddiem għandu jkun provdut b'post li fih ikun jista' jaqfel ħwejġu u l-effetti personali.

14.2. Doċċi u sinkijiet

14.2.1. Doċċi adatti f'numru suffiċjenti għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema kemm-il darba hekk titlob in-natura tax-xogħol jew għal raġunijiet ta' saħħa.

Għandhom ikunu pprovduti kmamar tas-doċċi jew l-użu ta' doċċi separat għall-irġiel u għan-nisa.

14.2.2. Il-kmamar tas-showres għandhom ikunu kbar biżżejjed li jippermettu li kull ħaddiem jinħasel bla tfixkil f'kondizzjonijiet ta' livell ta' iġjene xieraq.

Ix-showers għandhom ikunu armati b'ilma kiesaħ u sħun.

14.2.3. Fejn ma jkunux meħtieġ showers kif jitlob l-ewwel paragrafu tal-punt 14.2.1, numru ta' sinkijiet adatti bl-ilma kurrenti (jekk meħtieġ ukoll ilma sħun għandu jkun pprovdut fil-viċinanza ta' l-istazzjonijiet tax-xogħol u tal-kmamar tat-tibdil.

Għandhom jigu provduti sinkijiet separati jew li ssir użu separat ta' sinkijiet għall-irġiel u għan-nisa meta hekk ikun adatt.

14.2.4. Fejn il-kmamar li fihom ikun hemm showers jew sinkijiet ikunu separati mill-kmamar tat-tibdil, għandu jkun hemm komunikazzjoni faċli bejn it-tnejn.

14.3. Toilets u sinkijiet

Faċilitajiet speċjali b'numru ta' toilets u sinkijiet adegwat għandhom ikunu pprovduti għall-ħaddiema fil-viċinanza tal-postijiet tax-xogħol, il-kmamar tal-mistrieħ u l-kmamar fejn ikun hemm showers jew sinkijiet.

Għandhom jigu provduti toilets separati u jsir użu separat ta' toilets għall-irġiel u għan-nisa.

15. Kmamar tal-mistrieħ, jew zoni ta' akkomodazzjoni

15.1. Fejn is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, partikolarment minħabba t-tip ta' attività mwettqa jew il-preżenza ta' iktar minn ċertu numru ta' ħaddiema kif ukoll in-natura remota tas-sit, hekk jitolbu, il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti b'aċċess faċli għall-kmamar tal-mistrieħ u, jew zoni ta' akkomodazzjoni.

15.2. Kmamar tal-mistrieħ u, jew zoni ta' akkomodazzjoni għandhom ikunu kbar biżżejjed u armati b'numru adegwat ta' mwejjed u siġġijiet li jissapportjaw id-dahar għan-numru ta' ħaddiema involuti.

15.3. Jekk ma jkunx hemm faċilitajiet simili, għandhom ikunu pprovduti faċilitajiet oħra li fihom ikunu jistgħu joqogħdu l-ħaddiema waqt l-interruzzjonijiet tax-xogħol.

15.4. Zoni fissi ta' akkomodazzjoni sakemm ma jkunux użati biss f'każijiet eċċezzjonali, għandu jkollhom apparat sanitarju suffiċjenti, kamra tal-mistrieħ u kamra għall-ħin liberu.

Dawn għandhom ikunu armati b'sodod, cupboards, imwejjed u siġġijiet bid-dahar skond in-numru tal-ħaddiema, u jitqegħdu wara li titqies, meta jkun adatt, il-preżenza tal-ħaddiema taż-żewġ sessi.

15.5. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa għall-protezzjoni ta' dawk li ma jpejpux kontra l-iskomdu kkawżat mit-tipjip tat-tabakk fil-kmamar tal-mistrieħ u taz-zoni ta' akkomodazzjoni.

16. Nisa tqal u ommijiet li qegħdin irabbu

Nisa tqal u ommijiet li qegħdin irabbu għandhom ikunu jistgħu jimteddu biex jistrieħu f'kondizzjonijiet xierqa.

17. Ħaddiema inkapaċitati

Il-postijiet tax-xogħol għandhom ikunu organizzati biex jekk ikun hemm bżonn, jieħdu in konsiderazzjoni l-ħaddiema inkapaċitati.

Id-disposizzjoni tapplika partikolarment għall-bibien, passaġġi, turġien, showers, sinkijiet, toilets u postijiet tax-xogħol użati jew okkupati minn persuni inkapaċitati.

18. Disposizzjonijiet oħra

18.1. L-inħawi tal-madwar u l-perimetru tas-sit għandhom ikunu mmarkati u mifruxa sabiex ikun viżibbli u identifikabbli b'mod ċar.

18.2. Il-ħaddiema għandhom ikunu pprovduti fuq is-sit bi kwantità biżżejjed ta' ilma tax-xorb u possibilment xorb ieħor mhux alkoħoliku adatt kemm fil-kmamar okkupati kif ukoll fil-viċinanza tal-postijiet tax-xogħol.

18.3. Il-ħaddiema għandhom:

18.3.1. ikunu pprovduti b'faċilitajiet li jippermettulhom li jieklu f'kondizzjonijiet sodisfaċenti.

18.3.2 meta jkun adatt, fejn xieraq, ikunu pprovduti b'faċilitajiet li jippermettulhom iħejju l-ikliet tagħhom f'kondizzjonijiet sodisfaċenti.

PARTI B: BŻONNIJIET MINIMI SPEĊIFIĊI GĦALL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL FUQ IS-SIT

Rimarka Preliminari

Jekk sitwazzjonijiet speċjali hekk jitolbu, il-klassifika ta' dawn il-bżonnijiet minimi f'żewġ sezzjonijiet, bħal hawn taħt, ma' għandhiex titqies bħala li torbot.

Sezzjoni I: Postijiet tax-Xogħol fuq is-sit fuq ġewwa

1. Stabbilità u soliditá

Il-bini għandu jkollu struttura u stabbilità xierqa skond in-natura ta' l-użu tiegħu.

2. Bibien t'emerġenza

Il-bibien ta' l-emerġenza għandhom ikunu jinfetħu 'l barra.

Il-bibien ta' l-emerġenza ma'għandhomx ikunu jissakkru jew jinqaflu b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu faċilment u immedjatament minn kull persuna li jista' jkollha bżonnhom f'każ t'emerġenza.

Bibien li jimxu jew iduru mhumiex permessi sakemm dawn ma jkunux intenzjonati bħala bibien t'emerġenza.

3. Ventilazzjoni

Jekk tintużaw l-arja kondizzjonata jew ventilazzjoni mekkanika, dawn għandhom ikunu operati b'tali mod li l-ħaddiema ma jkunux esposti għal kurrenti li jistgħu jikkawżaw skonfort. Kull depożitu jew ħmieġ li jista' joħloq periklu immedjat għas-saħħa tal-ħaddiema billi jnigges l-atmosfera għandu jineħħa bla dewmien.

4. Temperatura

4.1. It-temperatura fiz-zoni tal-mistrieħ, fil-kmamar tal-Personnel fuq xogħlu, fil-faċilitaliet sanitarji, fil-canteens u fil-kmamar ta' l-ewwel għajnuna għandha tkun tixraq l-iskop partikulari ta'dawk iz-zoni.

4.2. It-twieqi, it-tamboċċi u t-taqsimiet tal-ħġieġ għandhom jippermettu li jkunu evitati effetti eċċessivi ta' dawl tax-xemx, billi tittieħed in konsiderazzjoni n-natura tax-xogħol u anke l-użu tal-kamra.

5. Dawl Artifiċjail u Naturali

Il-postijiet tax-xogħol għandhom, safejn hu possibbli, jkollhom dawl naturali suffiċjenti u jkunu armati b'mezzi ta' forniment ta' dawl artifiċjali li jkun adegwat għall-iskopijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

6. Art, ħitan, soqfa u bjut tal-kmamar

6.1. L-art tal-postijiet tax-xogħol ma għandux ikollha stoffi perikoluż, toqob jew żerżieq u għandha tkun fissa, stabbli u ma tiżloqx.

6.2. L-uċuh ta' l-art, il-ħitan u s-soqfa fil-kmamar għandhom ikunu tali li jkunu jistgħu jitnaddfu jew jigu dekorati mill-gdid għal livell ta' iġjene xieraq.

6.3. Ħitan trasparenti jew li minnhom jgħaddi d-dawl, partikolarment it-taqsimiet kollha tal-ħġieġ, fil-kmamar jew fil-viċinanzi tal-postijiet tax-xogħol u tar-rotot tat-traffiku għandhom ikunu indikati b'mod ċar u magħmulin minn materjal bla periklu jew ikunu protetti minn dawk il-postijiet jew rotot tat-traffiku biex ikun evitat li ħaddema jiġu f'kuntatt mal-ħitan jew li jweġġgħu kemm-il darba l-ħitan jitfarrku.

7. Twieqi u Tamboċċi

7.1. Għandu jkun possibbli għall-ħaddiema li jiftħu, jagħlqu, jaġġustaw jew jizguraw twieqi, tamboċċi u ventilaturi bla periklu.

Meta jkunu miftuħa, dawn ma għandhomx ikunu f'pożizzjoni b'mod li joħolqu periklu għall-ħaddiema.

7.2. It-twieqi u t-tamboċċi għandhom ikunu ddisinjati flimkien ma' l-apparat jew inkella jkunu ffittjati b'istrumenti li jippermettu li jkunu mnaddfa bla ebda riskju għall-ħaddiema li jagħmlu x-xogħol jew dawk li jkunu preżenti.

8. Bibien u Gradi

8.1. Il-pożizzjoni, l-għadd u d-daqs tal-bibien u l-gradi, ta' kull materjal użati fil-kostruzzjoni tagħhom, għandhom jigu deċizi skond in-natura u l-użu tal-kmamar jew taz-zoni.

8.2. Bibien trasparenti għandhom ikunu mmarkati adegwatament f'livell konspikwu.

8.3. Bibien u gradi li jitbandlu għandhom ikunu trasparenti jew jkollhom toqob li tista' tara minnhom.

8.4. Kemm-il darba uċuħ trasparenti jew li jgħaddi d-dawl minnhom fil-bibien jew fil-gradi ma jkunux magħmulin minn materjal bla periklu u jekk ikun hemm perikolu li l-ħaddiema jistgħu jkorru kemm-il darba bieb jew grada jinkisru, l-uċuħ għandhom ikunu protetti kontra t-tiksir.

9. Rotot tat-traffiku

Meta l-użu u l-apparat tal-kmamar ikun hekk jehtieg għall-protezzjoni tal-ħaddiema, ir-rotot tat-traffiku għandhom ikunu identifikati b'mod ċar.

10. Miżuri speċifiċi għal escalators u travelators

L-escalators u t-travelators għandhom ikunu jiffunzjonaw sew. Għandhom ikunu armati bl-istrumenti tas-sigurtà meħtieġa. Għandhom ikunu armati bi strumenti ta' waqfien ta' emerġenza faċilment identifikabbli u aċċessibbli.

11. Dimensjonijiet tal-kmamar u spazju ta' l-arja fil-kmamar

Il-kmamar tax-xogħol għandu jkollhom wisa' u għoli biżżejjed li jippermettu lill-ħaddiema jwettqu x-xogħol tagħhom mingħajr riskju għas-sigurtà, s-saħħa u l-benesseri tagħhom.

Sezzjoni II. Postijiet tax-xogħol fuq is-sit fuq barra

1. Stabbilità u Soliditá

1.1. Postijiet fil-għoli jew fil-baxx jiċċaqilqu jew fissi għandhom ikunu solidi u stabbli, filwaqt li jitqies:

- in-numru ta' ħaddiema li jokkupawhom

- it-tagħbija massima li jistgħu jkollhom iġorru u d-distribuzzjoni tal-piż

- l-influwenzi esterni li għalihom jistgħu jkunu suġġetti.

- jekk l-appogg u l-komponenti l-oħra ta' dawn il-postijiet tax-xogħol ma jkunux intrinsikament stabbli, l-istabbilità tagħhom għandha tigi zgurata b'metodi xierqa u bla periklu ta' ffissar biex ikun evitat kull moviment barra minn loku u spontanju tal-post tax-xogħol kollu jew ta' partijiet minnu.

1.2. Iċċekkjar

L-istabbilità u s-soliditá għandhom ikunu ċċekkjati kif suppost u speċjalment wara xi bdil fl-għoli u l-fond tal-post tax-xogħol.

2. Stallazzjonijiet tad-distribuzzjoni ta' l-enerġija

2.1. Stallazzjonijiet tad-distribuzzjoni ta' l-enerġija fuq is-sit, speċjalment dawk soġġetti għal influwenzi esterni, għandhom ikunu regolarment iċċekkjati u kkondizzjonati.

2.2. Stallazzjonijiet eżistenti qabel ma beda s-sit, għandhom ikunu identifikati, iċċekkjati u mmarkati b'mod ċar.

2.3. Kull meta possibbli, fejn ikun hemm linji ta' l-elettriku għaddejjin, dawn għandhom jew jigu diretti mill-gdid 'l bogħod mill-inħawi tas-sit jew inkella jigi maqtugħ il-kurrent.

Jekk dan ma jkunx possibbli għandu jkun hemm ilqugħ jew avviżi biex jizguraw li vetturi jew stallazzjonijiet jinżammu 'l bogħod minnhom. Għandhom ikunu pprovduti avvizi adatti u protezzjonijiet sospiżi meta il-vetturi jkollhom jgħaddu minn taħt dawn il-linji.

3. Influwenzi atmosferiċi

Il-ħaddiema għandhom ikunu protetti kontra influwenzi atmosferiċi li jistgħu jolqtulhom saħħithom u s-sigurtà tagħhom.

4. Oġġetti li jistgħu jaqgħu

Fejn hu teknikament possibbli l-ħaddiema għandhom ikunu protetti b'metodi kollettivi kontra oġġetti li jistgħu jaqgħu.

Materjali u apparat għandu jkun mifrux jew stakkjat b'tali mod li jkun evitat li jistgħu jaqgħu jew jinqalbu.

Fejn ikun hemm bżonn, għandu jkun hemm passaġġi mgħottija fuq il-ġenb jew inkella għandu jkun imposibbli li jsir xi dħul għal inħawi perikoluż i.

5. Waqgħat mill-għoli

5.1. Waqgħat mill-għoli għandhom ikunu fiżikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu għoljin biżżejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poġġaman ewlieni u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti.

5.2. Il-prinċipju għandu jkun li xogħol fil-għoli għandu jitwettaq biss b'apparat speċjali jew bl-użu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bħal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurtà. Jekk l-użu ta' tali apparat ma jkunx possibbli minħabba n-natura tax-xogħol, għandhom ikunu pprovduti u għandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-aċċess u arnessi ta' sigurtà jew metodi ta' ankraġġ oħra ta' sigurtà.

5.3. Poġġamani ta' protezzjoni għandhom jitpoġġew madwar trombi u turġien.

6. Pontijiet u slielem

6.1. Il-pontijiet kollha għandhom ikunu ppjanati sewwa, mibnijin u ssirilhom manutenzzjoni biex ikun zgurat li ma jaqgħux jew jiċċaqilqu aċċidentalment.

6.2. Pjattaformi tax-xogħol, passaġġi u turġien tal-pontijiet għandhom ikunu mibnija, ikollhom daqs , ikunnu protetti u wżati b'tali mod li jkun evitat li nies jaqgħu jew li jkunu esposti għal waqgħa ta' oġġetti.

6.3. Il-pontijiet għandhom ikunu spezzjonati minn persuna kompetenti:

(a) qabel ma jibdew jintużaw;

(b) sussegwentement, f'intervalli perjodiċi;

(ċ) wara kull perjodu ta' modifika bla użu, espożizzjoni għat-temp ikraħ jew ċaqliq siżmiku, jew kull ċirkostanza oħra li għandha mnejn tolqot is-saħħa u l-istabbilità tagħhom.

6.4. Is-slielem għandhom ikunu b'saħħithom biżżejjed u miżmumin sewwa. Għandhom jintużaw sewwa, f'postijiet adatti u skond l-iskop intenzjonat tagħhom.

6.5. Pontijiet mobbli għandhom ikunu zgurati sewwa kontra movimenti spontanji.

7. Apparat ta' l-irfigħ

7.1. L-istrumenti u l-aċċessorji ta' l-irfigħ kollha, inklużi l-partijiet komponenti tagħhom, l-attakkamenti, l-ankoraġġi u l-irfid tagħhom, għandhom ikunu:

(a) iddisinjati, mibnijin sewwa u b'saħħithom biżżejjed għall-użu li għalih se jintużaw;

(b) ikunu stallati u wżati korrettament;

(ċ) miżmuma f'kondizzjoni li jaħdmu sewwa;

(d) iċċekkjati u suġġetti għal testijiet u spezzjonijiet perjodiċi skond il-leġislazzjoni kurrenti;

(e) imħaddma minn ħaddiema kwalifikati li jkunu rċevew it-taħriġ xieraq.

7.2. L-apparat u l-aċċessorji ta' l-irfigħ ma jistgħux jintużaw għajr għall-iskopijiet li għalihom huma intenzjonati.

8. Vetturi u makkinarju għat-tħaffir u l-maniġġar tal-materjal

8.1. Il-vetturi u l-makkinarju kollu għat-tħaffir u l-maniġġar tal-materjal għandhom ikunu:

(a) iddisinjati u kostruwiti sewwa li jieħdu in konsiderazzjoni, kemm jista' jkun, tal-prinċipji ergonomii;

(b) jinżammu f'kundizzjoni tajba għax-xogħol;

(ċ) jintużaw korrettament.

8.2. Sewwieqa u operaturi ta' vetturi u makkinarju tat-tħaffir u tal-maniġġar tal-materjal għandhom ikunu mħarrġa apposta.

8.3. Għandom jittieħdu miżuri preventivi biex ikun zgurat li vetturi u makkinarju tat-tħaffir u tal-maniġġar tal-materjal ma jaqgħux fit-tħaffir jew fl-ilma.

8.4. Fejn xieraq, il-makkinarju tat-tħaffir u l-makkinarju tal-maniġġar tal-materjal għandhom ikunu ffittjati bi strutturi li jipproteġu lis-sewwieq milli jitgħaffeġ kemm-il darba l-magna tinqaleb kif ukoll kontra l-waqgħa ta'oġġetti.

9. Stallazzjonijiet, makkinarju, apparat

9.1. Stallazzjonijiet, makkinarju u apparat, inklużi għodod ta' l-idejn kemm jekk jaħdmu bl-enerġija kemm jekk le, għandhom ikunu:

(a) iddisinjati u kostruwiti sew li jieħdu konsiderazzjoni, safejn hu possibbli, tal-prinċipji ergonomiċi;

(b) miżmumin f'kondizzjoni tajba tax-xogħol;

(ċ) użati biss għax-xogħol li għalih kienu ddisinjati;

(d) jitħaddmu minn ħaddiema li jkunu ngħataw it-taħriġ meħtieġ.

9.2. Stallazzjonijiet u apparat taħt pressjoni għandhom ikunu ċċekkjati u assoġġettati għal testijiet u spezzjonijiet regolari skond il-leġislazzjoni eżistenti.

10. Skavi, bjar, xogħlijiet taħt l-art, mini u xogħol ta' l-art

10.1. Prekawzjonijiet addattati għandhom jittieħdu fi skavi, bir, taħt l-art, xogħol jew mina:

(a) bl-użu ta' sapport jew ilqugħ xieraq

(b) biex ikunu evitati perikoli involuti fil-waqgħa ta' persuna, materjali jew oġġetti, jew għargħar;

(ċ) li jipprovdu ventilazzjoni suffiċjenti fil-postijiet kollha tax-xogħol sabiex tkun zgurata atmosfera ta' nifs li ma jkunx ta' periklu jew dannu għas-saħħa;

(d) li jippermettu lill-ħaddiema li jilħqu post ta' sigurtà f'każ ta' nar jew dħul f'daqqa ta' ilma jew materjali.

10.2. Qabel ma jibdew l-iskavi, għandhom jittieħdu miżuri li jidentifikaw jew inaqqsu għall-minimu kull perikolu minħabba cables taħt l-art u sistemi oħra

ta' distribuzzjoni.

10.3. Għandhom ikunu pprovduti rotot ta' sigurtà 'l ġewwa u 'l barra mill-iskavi.

10.4. Munzelli ta' terrapien, materjali u vetturi li jimxu għandhom jinżammu 'l bogħod mill-iskavi; jekk ikun hemm bżonn għandhom jinbnew ilqugħ.

11. Xogħol ta' twaqqigħ

Fejn it-twaqqigħ ta' bini jew kostruzzjoni jista' jippreżenta perikolu:

(a) għandhom jiġu adotti prekawzjonijiet, metodi u proċeduri xierqa;

(b) ix-xogħol għandu jkun ippjanat u esegwit biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

12. Strutturi tal-metall jew tal-konkrit, strutturi temporanji u komponenti prefabbrikati tqal

12.1. Strutturi tal-metall jew konkrit u l-komponenti tagħhom, strutturi temporanji, komponenti prefabbrikati jew appoggi temporanju u rfid għandhom ikunu armati u żarmati biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

12.2. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet adegwati biex il-ħaddiema jkunu protetti kontra riskji mqanqla mill-fraġilità temporanja jew instabbilità ta' struttura.

12.3. Strutturi temporanji, appoggi temporanji u rfid għandhom ikunu ppjanati u ddisinjati, stallati u ssirilhom mannutenzjoni biex ikunu jifilħu b'sigurta'shiha għal kull sforz u tensjoni li għalihom jistgħu jkunu soġġetti.

13. Strutturi għall-ilma u kaxxi ta' taħt l-ilma

13.1. Kull struttura għall-ilma u kaxxi ta' taħt l-ilma għandhom ikunu:

(a) mibnija sewwa, minn materjal adatt u solidu ta' saħħa adegwata;

(b) armati sewwa biex il-ħaddiema jkunu jistgħu jilħqu kenn fil-każ ta' irruzzjoni ta' l-ilma jew ta' materjali.

13.2. Il-kostruzzjoni, l-istallazzjoni, it-trasformazzjoni jew iż-żarmar ta' struttura ta' l-ilma jew ta' kaxxa ta' taħt l-ilma għandha ssir biss taħt is-superviżjoni ta' persuna kompetenti.

13.3. L-istrutturi ta' l-ilma u l-kaxxi ta' taħt l-ilma kollha għandhom ikunu spezzjonati minn persuna kompetenti f'intervalli regolari.

14. Xogħol fuq il-bjut

14.1. Fejn ikun hemm bżonn li jkun evitat riskju jew fejn l-għoli jew il-mil jaqbżu l-valuri ppjanati, għandhom jittieħdu miżuri kollettivi preventivi biex jevitaw li jkunu jistgħu jaqgħu l-ħaddiema, l-għodod u oġġetti oħra jew il-materjal.

14.2. Fejn il-ħaddiema jkollhom xogħol fuq jew qrib il-bejt jew kull wiċċ ieħor magħmul minn materjal fraġli li permezz tiegħu jkun possibbli li wieħed jaqa', għandhom jittieħdu miżuri preventivi sabiex jigi zgurat li huma ma jimxux bla ma jkunu jafu fuq dak il-wiċċ magħmul minn materjal fraġli.